2024/2641

4.10.2024

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2024/2641**

**tal-1 ta' Ottubru 2024**

**dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Mediterran (EUNAVFOR MED IRINI) u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2024/1014 (EUNAVFOR MED IRINI/5/2024)**

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/472 tal-31 ta' Marzu 2020 dwar operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Mediterran (EUNAVFOR MED IRINI) [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 8(2) tagħha,

Billi:

(1) Fil-31 ta' Marzu 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2020/472, li stabbiliet u nediet operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Mediterran (EUNAVFOR MED IRINI).

(2) Skont l-Artikolu 8(2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2020/472, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) biex jieħu d-deċiżjonijiet dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għal EUNAVFOR MED IRINI.

(3) Fis-26 ta' Marzu 2024, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/1014 [2], li taħtar il-Viċi Ammirall Armando Paolo SIMI bħala Kmandant tal-Forza tal-UE għall-EUNAVFOR MED IRINI mill-5 ta' April 2024.

(4) Fis-6 ta' Settembru 2024, l-awtoritajiet militari Griegi pproponew il-ħatra tal-Komodor Prokopios CHARITOS biex jieħu post il-Viċi Ammirall Armando Paolo SIMI bħala Kmandant tal-Forza tal-UE għall-EUNAVFOR MED IRINI mill-4 ta' Ottubru 2024. Fl-10 ta' Settembru 2024, il-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE appoġġa dik il-ħatra proposta.

(5) Fit-13 ta' Settembru 2024, il-Kumitat Militari tal-UE appoġġa r-rakkomandazzjoni magħmula mill-awtoritajiet militari Griegi u qabel li l-Komodor Prokopios CHARITOS jinħatar bħala Kmandant tal-Forza tal-UE għall-EUNAVFOR MED IRINI mill-4 ta' Ottubru 2024.

(6) Jenħtieġ li tittieħed deċiżjoni dwar il-ħatra tal-Komodor Prokopios CHARITOS bħala Kmandant tal-Forza tal-UE għall-EUNAVFOR MED IRINI.

(7) Jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2024/1014 titħassar,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Komodor Prokopios CHARITOS huwa b'dan maħtur Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Mediterran (EUNAVFOR MED IRINI) mill-4 ta' Ottubru 2024.

*Artikolu 2*

Id-Deċiżjoni (PESK) 2024/1014 hija b'dan imħassra.

---

[1] ĠU L 101, 1.4.2020, p. 4.

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2024/1014 tas-26 ta' Marzu 2024 dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Mediterran (EUNAVFOR MED IRINI) u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2023/2078 (EUNAVFORMED IRINI/1/2024) (ĠU L, 2024/1014, 3.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/1014/oj).

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-4 ta' Ottubru 2024.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Ottubru 2024.

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*

*Il-President*

D. PRONK